MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 974/2002

**Rachel Shaw f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha l-minuri Darren Spiteri, u Jeremy Busuttil**

**vs.**

**Francois sive Francis Xavier Spiteri;**
**u**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Awissu 2002 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri zzewgu nhar id-disgha (9) ta' Lulju 1999, f'San Pawl tat-Targa, Naxxar, Malta;

Illi damu jghixu flimkien ghal sitt (6) xhur biss u konsegwentament isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-13 ta' Gunju 2002 u li l-attrici baqghet hekk fizikament mifruda f'kull zmien materjali ghal din il-kawza;
Illi l-attrici bdiet relazzjoni ma' l-attur Jeremy Busuttil malli sseparat *de facto* minn ma' Francois Spiteri liema relazzjoni ghada fiha sall-lum;

Illi minn din ir-relazzjoni twieled tifel, Darren Spiteri fis-sebgha (7) ta' April 2002 liema tifel minuri huwa allura l-wild naturali ta' l-imsemmi Jeremy Busuttil u mhux ta' Francois *sive* Francis Xavier Spiteri;

Illi skond l-**artikolu 280 tal-Kodici Civili** l-isem tal-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri ma kellux jitnizzel fuq l-att tat-twelid tal-minuri billi l-imsemmi Francois *sive* Francis Xavier Spiteri kien qed jghix mifrud legalment minn martu tul iz-zmien kollu previst mill-ligi tat-tliet (300) mitt gurnata ta' qabel il-gurnata tat-twelid:

Illi hemm lok ghalhekk li c-certifikat tat-twelid ta' Darren Spiteri jigi emendat fis-sens illi l-paternita' tal-istess minuri tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi Jeremy Busuttil huwa l-missier naturali tal-minuri Darren Spiteri;

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Darren Spiteri mhux il-wild naturali ta' *sive* Francis Xavier Spiteri, izda l-wild naturali ta' Jeremy Busuttil b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' Darren Spiteri, att numru 1427 tas-sena 2002,

sabiex il-paternita’ tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut *sive* Francis Xavier Spiteri jigu kkancellati u minnflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Jeremy Busuttil;

Il-konvenuti huma minn issa mharrka sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda li ghamlet l-attrici a fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern datata 27 ta’ Settembru 2002 (fol.19).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta’ Dicembru 2002 a fol. 13 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

(2) Illi *inoltre* u wkoll bla pregudizzju, f’kaz li jintlaqghu t-talbiet ta’ l-atturi, l-istess atturi ghandhom jindikaw d-dettalji personali kollha li qed jitolbu li jigu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni;

(3) Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghat-talba ta’ korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 1427 tas-sena 2002 huma ghal kollox estranei ghall-esponent u ghaldaqstant huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni gurmentata tal-konvenut a fol. 14 tal-process flimkien mal-lista ta’ xhieda.

Rat il-lista tax-xhieda prodotta mill-konvenut u d-dokumenti a. fol. 14.

Rat il-verbali datati 4 ta’ Frar 2003 fejn gie estiz iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits attrici ghall-40 gurnata u l-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut ghat-12 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2003 fejn il-konvenut insista li kellu jsir *DNA Testing* u Dr. Isabelle Bharwani talbet li jigi nominat espert xjentifiku sabiex isir tali testijiet; il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Christopher Farrugia ghall-tali skop a spejjez provizorjament attrici; gie ukoll estiz t-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici b’ghaxar (10) t’ijiem zmien u inghata terminu ta’ tlettin (30) gurnata lill-konvenut sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu u l-kawza thalliet ghar-rapport u finali trattazzjoni ghall-24 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota ta’ Rachel Shaw datata 15 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esibitt l-affidavits taghha u dawk ta’ Jeremy Busuttil, Michael Busuttil, Martha Busuttil, Maria Shaw u Joseph Shaw kollox a fol. 24 sa fol. 39 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Angele Portelli ghall-attrici ddikjarat li ma ghandhiex provi izjed bl-affidavits u opponiet ghall-hatra ta’ espert xjentifiku.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 22 ta’ Mejju 2003, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tezentaha milli taghmel id-*DNA Test* u dan minghajr pregudizzju ghal-fakulta’ tal-konvenut Spiteri Francois li jaghmel dan it-*test* a spejjez tieghu.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti *in vista* ta’ dan rrevoka *contrario imperio* d-Digriet taghha ghan-nomina ta’ Espert Xjentifiku minhabba li l-attrici llum ma hijiex disposta taghmel l-istess ghar-ragunijiet minnha ndikati; dan apparti l-fatt li l-espert xjentiku b’nota tad-9 ta’ Gunju 2003 informa lill-Qorti li gie nformat mill-Avukat Dr. Angele Portelli ghall-attrici li minhabba c-cirkostanzi attwali ma kienitx f’posizzjoni li taghmel id-*DNA test* ghalissa.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-11 ta’ Dicembru 2003 fejn gie dikjarat mid-difensuri tal-partijiet li l-provi li ingabhu fil-kawza Numru 29 fuq l-istess lista ta’ kawza f’Citaz.Numru 1105/02/RCP ghandhom jghoddu bhala provi f’din il-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza Citaz. Numru 1105/02/RCP u x-xhieda hemm prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha datat 12 ta’ Marzu 2003 tghid:-

*“Illi jiena legalment separata minn ma’ Francois Spiteri u ghalkemm isseparajt bonarjament fit-13 ta’ Gunju 2002, konna ilna li sseparajna de facto minn Dicembru tal-1999;*

*Illi jien omm il-minuri Darren Spiteri li twieled fis-sebgha ta’ April tas-2002 (07.04.02) kif ukoll ta’ Clarissa Busuttil li twieldet fl-erbgha ta’ Dicembru tan-1997 (04.12.97). Uliedi huma t-tnejn ulied il-partner tieghi Jeremy Busuttil;*

*Illi jiena kont qed nikoabita ma’ missier uliedi, Jeremy Busuttil minn qabel li twieldet Clarissa. Huwa ghalhekk li kunjom Clarissa huwa Busuttil. Meta Clarissa kellha hames xhur, jiena u missierha infridna u bdejna nghixu separatament. Fil-frattemp jiena iltqajt ma’ Francois u domna madwar sena gharajjes. Izzewwigna f’Lulju tal-1999. L-uniku raguni li ghaliha kont izzewwigt kien biex nipprova ninsa lil Jeremy u ghax hsibt illi t-tarbija ma kienx ser ikollha father figure jekk ma nizzewwigx. Ghalhekk dan iz-zwieg kien ta’ konvenjenza biss. Fil-fatt f’Dicembru tal-1999, ir-relazzjoni ta’ bejn Francois u bejni kienet spiccat ghal kollox u kont bdejt nerga nfittex il-kumpanija*

*ta' Jeremy kif jaf Francois stess. Fil-fatt f'Jannar tas-2000, jigifieri sitt xhur wara li zzewigt lil Francois jiena tlaqt mid-dar matrimonjali ghaliex ir-relazzjoni tieghi u ta' Jeremy kienet miexja sew;*

*Illi nista' nghid illi minn dak inhar l'hawn ma ergajtx mort lura ma Francois, anzi ftit li xejn rajtu u nistqar ukoll li jiena ma kelli ebda relazzjoni intima jew sesswali ma' Francois minn dakinhar – jigifieri mid-Dicembru tas-1999 sal-llum;*

*Illi jiena u Jeremy bdejna nghixu flimkien mill-gdid u ghadna nghixu ma' xulxin sallum u Jeremy kien l-uniku partner li kelli minn dak inhar 'l hawn. Ma ghandi l-ebda dubju illi fiz-zmien illi inqbat tqila b'Darren l-uniku relazzjoni ssesswali li kelli kien ma' missieru u cioe' ma' Jeremy. Inzid nghid li dak iz-zmien konna qeghdin nipprovaw sabiex nkabru l-familja taghna u jkollna tarbija ohra. Issa li twieled Darren u qed jitfarfar kulhadd jinnota ix-xebh kbir li hemm bejnu u bejn missieru. Dawn il-fatturi kollha jkomplu jixhdu l-fatt li Jeremy huwa missier Darren;*

*Illi meta twieled Darren fis-7 ta' April 2002, Jeremy kien hdejja l-isptar u fil-fatt kien hu illi mar biex jirregistra isem ibnu fil-Public Regsitry. Izda meta gie lura mir-Registru qalli li kienu qalulu li ma jistax jirregistrah fuq ismu ghas-semplici raguni illi jiena ma kontx legalment separata u ghalhekk kellu jitnizzel f'isem Francois Spiteri";*
*"Illi din l-informazzjoni hasditna u mall-ewwel hadna passi sabiex jitrangaw l-affarijiet biex l-informazzjoni li hemm fil-Public Registry ikun korrett u jirrifletti l-verita';*

*Illi minn naha ta' Francois, billi ma ghadniex nitkellmu, jiena qatt ma kelli l-opportunita' biex nikkjarifika l-affarijiet mieghu;*

*Illi inzid nghid ukoll li l-uniku missier illi jaf Darren illi llum ghandu ghaxar xhur, huwa Jeremy u hadd hliefu. Ma nistax neskludi illi jekk l-affarijiet ma jirrangawx, il-fatt li m'hemmx missieru mnizzel bhala dak li hu fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu jista jkun li ghad taffettwah b' mod negattiv la jikber u jibda jifhem l-affarijiet."*

Illi gew prezentata wkoll hames xhieda ohra, fosthom tal-attur **Jeremy Busuttil** datat 28 ta' Marzu 2003 fejn kkonferma dak kollu li qalet l-attrici u ghall dak li jirrigwarda l-kawza odjerna sostna li kien iltaqa' mal-attrici il-Qawra Palace fil-15 ta' Novembru 1999 u kienu ddecidew li jergaw jghixu flimkien u f'Jannar 2000 l-attrici telqet lir-ragel taghha u bdiet tghix mieghu u qatghet il-kuntatti li kellha mieghu. Fis-sajf tas-sena 2001 sar jaf li l-attrici kien ser ikollha tarbija u segwa t-tqala taghha b'kull mod u kien prezenti meta l-istess attrici weldet lill-minuri mertu tal-kawza odjerna, izda peress li l-attrici ma kienitx legalment separata r-registrazzjoni tal-istess tifel saret bl-indikazzjoni li l-missier tieghu kien r-ragel tal-attrici, l-konvenut Francois Spiteri, peress li l-attrici ma kienitx sa' dak in-nhar legalment separata minnu. Kien ghalhekk li ghamel din il-kawza ghaliex ma jistax jaccetta li ibnu ma jgibx kunjomu; lill-konvenut qatt ma kellmu anke ghaliex l-attrici kienet qatghet kull kuntatt mieghu.

Illi minbarra dan hemm ix-xhieda bl-affdavits ukoll ta' missier l-attur **Michael Busuttil**, ta' omm l-attur **Martha Busuttil**, ta' omm l-attrici **Maria Shaw** u l-ohra ta' missier l-attrici **Joseph Shaw.** a. fol 27 sa 34 tal-process.

Illi l-**konvenut Francois Spiteri** pprezenta l-affidavit tieghu fil-kawza minnu istwieta Citaz. Numru 1105/2002/RCP u fih jghid:-

*"Illi nhar id-disa ta' Gunju 1999 izzewigt lil Rachel Shaw fil-Kappella ta' San Pawl tat-Targa. Meta zzewigna Rachel diga kellha tifla minn Jeremy Busuttil. Sew Rachel kif ukoll it-tifla gew joqghodu mieghi wara z-zwieg taghna;*

*Illi fis-seba' ta' Dicembru ta' l-istess sena 1999 beda jinqala' l-inkwiet bejnietna u dana ghax Rachel kienet reget bdiet tiltaqa ma' Jeremy Busuttil minn wara dari, kif sirt naf ftit wara minn Rachel stess, u fit- tmienja (8) ta' Jannar tas-sena 2000, hija telqet mid-dar matrimonjali taghha, u sa fejn naf jien, tramite l-familjari taghha, hija marret toqghod ma l-istess Jeremy Busuttil;*

*Illi ghall-ewwel ftit xhur jiena zammejt l-kuntatt mal-familja ta' Rachel Shaw, izda qatt ma zammejt kuntatt direttament maghha. Wara ftit xhur minn meta hija telqet mid-dar, jiena qtajt ghall-kollox ukoll l-kuntatt mall-familjari taghha;*

*Illi wara li kien kemm xi korrispondenza bejn l-avukati taghna, fil-25 ta' Lulju 2001 saret laqa' bejnietna fil-presenza tal-avukati taghna biex niftehmu fuq s-separazjoni bonarja ta' bejnietna. U minn dak inhar 'l quddiem l-unici kuntatti bejnietna dejjem saru tramite/permess ta' korrispondenza bejn l-avukati biss u qatt bejnietna direttament;*

*Illi fis-6 ta' Gunju 2002 deherna it-tnejn li ahna quddiem l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano u ffirmajna il-kuntratt tas-separazzjoni bonarja, u kien dak in-inhar waqt li konna lkoll il-Qorti, li l-Avukata ta' Rachel Shaw infurmatni li Rachel kellha tarbija ohra f' April tas-sena 2002, bl-isem ta' Darren Spiteri, u li kien hemm problema ghax jiena kont qed nigi ndikat bhala l-missier fuq ic-certifikat tat-twelid ta' dan it-tifel billi dan it-tifel twieled meta ahna konna de facto separati izda konna ghadna mizzewgin ghax ghad ma konniex legalment separati;*

*Illi jien qatt ma kont naf li hija kienet tqila jew li kellha tarbija ohra qabel din il-gurnata;*

*Illi jidher ukoll li Rachel Shaw lanqas kienet infurmat bil-fatt tat-tqala lill-Avukat taghha stess, izda kull meta l-Avukat tieghi provat tmexxi l-affarijiet 'l quddiem ghas-separazzjoni bonarji billi ma kienx hemm xi diffikulta dwar din, Rachel Shaw qatt ma kienet tirrispondi l-korrispondenza;*

*Illi li minn dan in-nhar tas-sibt 8 ta' Jannar tas-sena 2000, jiena qatt ma kelli kuntant, intimu jew b'xi mod iehor barra kif spjegat qabel, ma' Rachel Shaw u ghal daqstant bl-ebda mod ma nista' nkun il-missier naturali ta' l-imsemmi Darren Spiteri."*

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Darren li giet registrata bhala t-tarbija tal-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri tigi dikjarata li mhix iben il-konvenut imsemmi stante li dan ma huwiex missierha u fil-fatt l-atturi qed jitlobu li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri Nru 1427/02.
Illi jidher car li l-atturi qed jipprevalixxu ruhhom mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur Jeremy Busuttil qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu nteress li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

(1) *"Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li:-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur* ***Ricci*** *meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … ….” “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. Il- giuconsulti romano intesero questa presunzione e l’ incarnazione della formula solenne ‘pater is est quiem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’ antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’ esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’ articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il matrimonio”* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-**artikolu 159 tal-Kodici Taljan**) jipprovdi li:-

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-atturi hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:-

(1) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ denegata paternita’ a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

*(2)* It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u

ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti ġenituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza;*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul abbazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A.J M) 21 ta' Frar 1996) inghad li *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*
Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel u lill-allegat missier tal-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz allura il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** "*stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;*

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) **"Saviour Micallef noe et vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) li skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid jew tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16)** *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** stante li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza ***"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"*** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat abbazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibbilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u "**Domenic Briffa vs Therese Fenech et"** (P.A. (RCP) deciza 30 ta' Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibbilta' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (p.a. (N.A.) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibbilta' fizika li ghaliha hemm referenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz *de quo* jirrizulta ampjament mill-provi li l-attrici kienet izzewget lill-konvenut Francois sive Francis Xavier Spiteri fid-9 ta' Lulju 1999 u fis-sena 2000 hija sseparat *de facto* minnu u marret tghix mal-attur Jeremy Busuttil u meta kienet qed tghix mal-istess attur hija harget tqila u kellha tifel Darren, li twieled fis-7 ta' April 2002.

Illi dan l-istess minuri ghalkemm gie registrat fuq isem il-konvenut fuq imsemmi Francois Spiteri, qatt ma gie rikonoxxut, mantnut, jew almenu ltaqa' ma l-istess

konvenut, ghalkemm dan kien registrat bhala missieru, izda l-attur Jeremy Busuttil dejjem ittrattata l-istess minuri bhala ibnu naturali, tant li dejjem mantnieh u sostnieh, flimkien mal-attrici u fil-fatt ghadhom jaghmlu hekk sallum.

Illi dan huwa kkorroborat, kif inghad, mill-affidavit tal-attrici fejn sostniet illi hija kienet separata *de facto* mill-istess konvenut zewgha, w apparti dan kienet qed tghix mal-istess attur ma' min kellha relazzjoni intima, u li l-attur huwa l-missier naturali tal-istess minuri. F'dan il-kuntest hemm ix-xhieda wkoll tal-genituri rispettivi tal-atturi.

Illi minn dan kollu jidher li l-elementi essenzjali sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici gew ilkoll ippruvati stante li jirrizulta li hemm impossibbilta' fizika, kif interprettata mill-gurisprudenza nostrali li l-istess minuri huwa b'xi mod iben naturali tal-konvenut Francois sive Francis Xavier Spiteri, stante li fil-perjodu krucjali msemmi fil-ligi, l-istess konvenut kien separat *de facto* mill-attrici w qatt ma kellha kuntatt mieghu nkluz fil-perjodu krucjali msemmi fil-ligi, u fil-fatt din kienet qed tghix mal-attur Jeremy Busuttil ma' min kellha relazzjoni intima, li waslet ghall-koncepiment u eventwali twelid tal-istess minuri, u wkoll jidher li l-istess minuri qatt ma kellu l-istat ta' iben legittimu fit-termini tal-ligi, peress li dan dejjem trabba' u ghex bhala iben naturali tal-attur, u l-konvenut qatt ma wera' l-inqas interess fih, proprju ghaliex jaf li ma kienx ibnu. Dan apparti d-dikjarazzjoni tal-omm li ghandha l-portata taghha bhala prova skond l-istess ligi.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, b'dan pero' li jinghad li l-premessa fic-citazzjoni attrici dwar l-allegazzjoni li l-istess minuri kellu jigi registrat bhala iben l-attur mill-konvenut l-iehor d-Direttur tar-Registru Pubbliku hija manifestament zbaljata, stante li mill-provi jirrizulta li t-tarbija twiledet fis 7 ta' April 2002 meta l-attrici u l-konvenut Francois Spiteri kienu biss *de facto* separati tant li l-kuntratt ta' separazzjoni bonarja bejniethom gie ppubblikat biss fit-13 ta' Gunju 2002, u ghalhekk skond il-ligi u senjatament l-**artikolu 280 tal-Kap 16** ikkwotat mill-atturi, r-registrazzjoni kellha ssir fuq isem zewgha, ghaliex l-kondizzjonijiet skond is-**subincizi (a) u (b)** tal-imsemmi

artikolu ma kienux jezistu f'dak iz-zmien, u hija din il-kawza li kellha ssir sabiex il-posizzjoni tal-minuri tigi regolarizzata.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, inkwantu l-istess jikkontrastaw mat-talbiet attrici, u fuq ammissjoni tal-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri kif tirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Darren Spiteri mhux il-wild naturali ta' Francois *sive* Francis Xavier Spiteri, izda l-wild naturali ta' Jeremy Busuttil b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' Darren Spiteri, att numru 1427 tas-sena 2002, sabiex il-paternita' tal-minuri imsemmi tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-attur Jeremy Busuttil, li huwa *self employed,* bin Michael u Martha nee' Camilleri, residenti Cospicua, u d-dettalji l-ohra kollha tal-istess attur Jermy Busuttil li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 272374 (M), b'dan li fl-istess certifikat u ghal kull effett u *buon* fini tal-ligi l-istess Jeremy Busuttil ghandu jigi ndikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri Darren, u kull referenza ghall-konvenut Francois *sive* Francis Xavier Spiteri bhala missier l-istess tarbija ghandha tigi kkancellata inkluz il-kliem *"of the said"* li jidhru fil-partikolaritajiet tal-omm.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri,

bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez tal-istess attrici u l-attur Jeremy Busuttil.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess atturi, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------